# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1072/2019/2***

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Karl Vella Petroni**

<u>**Illum, 9 ta' April,2024**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-**appellat**, **Karl Vella Petroni** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0000382M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fis-sitta (6) ta' Marzu, 2019, għall-ħabta ta' 19.00hrs fi Triq Loius Wettinger Mellieha;

1. Saq jew ippruva issuq jew kellek kontroll ta' vettura Nru BCC 903 fi triq jew f'post meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

2. W'aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura nru BCC903 f'post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjoni tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt.

3. U b'nuqqas ta' ħsiebu bi traskuraġġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġunajt ħruq jew għamilt xi ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa meta nvolontarjament ikkaġunajt ħsarat fuq roundabout liema ħsara hija fit-turf shrubs electrical equipment u fil-kerb għad-dannu ta' Environmental Landscapes Consotium Ltd.

4. Soqt l-imsemmija vettura BCC903 mingħajr ma kienitx liċenzjata mill-Awtorijiet għat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda).

5. W'aktar in sirt reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) datata 13/3/2018 mill-Maġistrat F Depasquale LLD liema sentenza saret difinittiva u ma tistax tiġi mħassra.

Il-Qorti kienet ġentilment li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mill—liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur :

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Settembru,2023, fejn ma sabitux ħati ta' l-ewwel (1), tieni (2), tielet (3) u ħames (5) imputazzjoni u konsegwentement illiberat lill-Karl Vella Petroni minn kull ħtija jew piena iżda ddikjaratu ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu sena (1) ħabs effettiv u skwalifikatu mill-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal-żmien sena (1) liema perjodu għandu jibqa jiddekorri wara li jkun skonta l-piena karċerarja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant l-Avukat Ġenerali preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fis-16 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonfermaha f'dik il-parti fen sabet l-appellat ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u fejn illiberatu mill-ħames (5) imputazzjoni, u tħassarha.
- Tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet, u minflok issib lill-appellat ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliġġi piena skond il-liġi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2023, l-esponent irċieva mingħand il- Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest fejn l-ewwel Onorabbli Qorti, permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia, ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u tal-provi kif migjuba li filfatt wasslet ghal-helsien tal-imputat mill-ewwel (1), it-tieni (2) u it-tielet (3) imputazzjoni kif migjuba kontrih u ghaldaqstant, 1- esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, inter alia, għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi u apprezzament zbaljat tal-fatti kif migjuba li filfatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih minhabba li, skond dik l-Onorabbli Qorti, il-fatti u l-provi pprezentati ma kienx fihom l-ingredjenti tar-reati hekk kif ikkontemplati fl-artikoli 15A, 15B, 15(1)(a) (3) tal-Kap. 65 tal-ligijiet ta' Malta u l- artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel Qorti iddecidiet li tillibera lil Karl Vella Petroni minn dawn ir-reati kif prospettati mill-prosekuzzjoni, ghaliex fil-fehma taghha:

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi rigwardanti l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jirriżulta li fit-test tal-breathalizer eżebit mill-Prosekuzzjoni mhux ċar in-numru tal-vettura li kienet qed tinstaq. Din bi prova essenzjali għal-dawn iż-żewġ imputazzjonijiet u b'hekk isegwi li dawn l-imputazzjonijiet mhux ippruvati.

Rigwardanti t-tielet imputazzjoni, mid-Dok NC ma jirriżultax id-data ta' meta seħħew id-danni u lanqas ma seta' jikkonferma d-data x-xhud Norman Mifsud General manager tal-Environmental Landscapes Consortium Ltd, u b'hekk isegwi li m'hemmx il-prova fil-grad rikjest lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dawn id-danni saru konsegwenza tal-inċident in desamina u fid-data indikata u per konsegwenza din l-imputazzjoni mhux pruvata."

Illi l-esponent iħossu aggravat dwar il-fatt li r-raġunament li għamlet l-ewwel Qorti, bid-dovut rispett kollu, kien wieħed ħażin, fejn fil-fatt dik il-Qorti għamlet interpretazzjoni u apprezzament ħżiena, kemm tal-liġi u tal-fatti kif fil-fatt irriżultaw mill-atti proċesswali. Huwa għalhekk li l-esponent se jitratta ż-żewġ punti separatament b'mod kronoloġiku;

**I) L-Ewwel Aggravju - Apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-provi fir- rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet:**

Illi l-ewwel punt li ħa jiġi trattat huwa fir-rigward tal-ewwel zewġ imputazzjonijiet li gie rinfaċċjat bihom Karl Vella Petroni, u cioe is-segwenti:

*1) Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura Nru BCC903 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*

*2) W' aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura Nru BCC903 fit-triq jew f post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, id-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.*

Illi qabel ma l-esponent jittratta l-provi li ġew ppreżentati quddiem l-Qorti tal-Magistrati, trid tinqara l-ligi dwar ir-regolamenti tat-traffiku kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li tipprovdi s-segwenti:

> *"15(1) Kull min -*
>
> *a) Isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura bil- mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja, jew isugha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, izda ma tkun mehtiega ebda licenzja dwar bicycle;*
>
> *(3) Fil-kaz ta' kull reat iehor taht is-subartikolu (1) il-Qorti b'zieda ghall-piena skont dak is-subartikolu, ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem;*
>
> *15.A. (1) Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*

*(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita' taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa.*

*15B (1) Ebda persuna m'ghanda ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li tkun ikkunsmat tant alkohol li l-proporsjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun izjed mil-limitu preskritt.*

*15E (1) Sabiex jigi deciz jekk persuna ghamlitx xi reat taht l-artikoli 15A u 15B(1) ufficjal tal-Pulizija jista' jehtieg li dik il-persuna*

*(a) Taghti kampjun tan-nifs jew kampjun ghall-analizi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti maghmula taht din l-Ordinanza, u r-rizultat hekk miksub ghandu jkun ammissibbli bhala prova f'kull procediment ghal reat taht 1- artikoli 15A jew 15B(1). Ir-rizultati tal-analizi ghandhom jigu prezunti bhala korretti sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju;"*

Illi sabiex jiġi stabbilit kif u fejn jista' jittieħed test tan-nifs, kif fil-fatt seħħ f'dan il-każ, ikun għaqli li wieħed jara dak li tistipula l-leġislazzjoni sussidjarja 65.16 tal-Liġijiet ta' Malta fir-Regolamenti dwar it-Testijiet tan-Nifs, u cioe:

"3. Ghall-finijiet tat-twettig tat-test tan-nifs imsemmi fl-Ordinanza, it-test ghandu jsir permezz tal-istrument muri fl-Ewwel Skeda.

4. Meta l-apparat li ghandu jintuza mill-Pulizija huwa dak l-apparat mnizzel fl Ewwel Skeda, ir-rizultati bekk miksuba ghandhom jigu trattati bhala dawk ir- rizultati analitici msemmija fl-artikolu 15E(1) tal-ordinanza.

[...]

6. Il-kampjuni tan-nifs jistghu jintalbu li jinghataw fil-post jew vicin il-post fejn l-istess kampjuni ikunu intalbu, jew f'ghassa tal-pulizija, centru tas-sahha jew sptar."

Illi minn analiżi dettaljata tal-liġi għalhekk, l-ewwel nett, joħroġ ċar illi persuna ma tistax issuq vettura jew ikollha kontroll ta' vettura jekk dik il-persuna ma tkunx fi stat tajjeb minħabba xorb jew drogi;

Illi oltre minn hekk, il-liġi tistipula illi persuna ma tistax issuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura fit-triq jew f'post pubbliku jekk tkun ikkunsmat xorb li l-proporzjoni tiegħu fin-nifs, jew fl-urina, jew fid-demm, tkun oltre l-limitu preskritt mil-liġi.

Illi għaldaqstant, il-liġi hija pjuttost ċara fis-sens illi qegħda tispeċifika li persuna ma tistgħax tkun qiegħda ssuq jew ikollha taħt il-kontroll tagħha vettura wara li jkun ġie kkunsmat xorb, u dak ix-xorb ikun oltre l-limitu preskritt mil-liġi. Il-liġi hija ukoll ċara fis-sens li dan jista' jiġi stabbilit minn test tan-nifs fost oħrajn.

Illi meta wieħed ikompli biex jara kif jsiru t-testijiet tan-nifs skond ir-Regolamenti dwar it-Testijiet Tan-Nifs, leġiżlazzjoni sussidjara 65.16 tal-Liġijiet ta' Malta, jinnota li dawn isiru bl-apparat li hemm imniżżel fl-ewwel skeda, kif fil-fatt sar, oltre minn hekk, peress li t-test tan-nifs ittieħed hekk kif stipulat fil-liġi, huwa wieħed ammissibbli bħala prova, u huwa meqjus bħala konklussiv, kif fil-fatt provdut fl-artikolu 15E tar-Regolamenti dwar it-Traffiku, kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi effettivament, wara qari dettaljat tal-liġi tagħna, mkien ma hemm provdut li meta jittieħed test tan-nifs, dan it-test għandu ikollu indikat b'mod ċar il-vettura li tkun qiegħda tinstaq, ħaġa li minkejja li ma hijiex rekwizit fil-fatt saret xorta waħda f'dawn il-proċeduri.

Illi dak hawn fuq espost iwassal lill-esponent għat-tieni punt fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju f'dawn il-proċeduri, u cioe illi l-prosekuzzjoni fil-fatt ezebiet a fol. 12 tal-proċess, l-istess breathalyser test li ttieħed lil Karl Vella Petroni meta hu kien ttieħed l-isptar dakinhar stess u dak it-test, għandu isem l-imputat, id-dettalji kollha rikjest mil-liġi u r-riżultanzi tat-test. Kellu ukoll, meta ġie esebit, in-numru tal-pjanċi tal-karozza, iżda jidher li wara li dan it-test kien ġie ppreżentat il-Qorti dak l-istess numru tal-pjanċi tal-karozza, saritlu toqba fih permezz ta' puncher sabiex tkun tista' tiġi mehmuża mal-proċess fuq ir-riċevuta u għalhekk ma baqax jidher;

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta jkun hemm żball tar-reġistratur, dan l-iżball m'għandhomx ibatuh il-partijiet tal-kawża. Jekk is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tiġi abbraċċjata minn din l-Onorabbli Qorti, ikun ta' preġudizzju għall-ġustizzja u dan peress li l-imputat ġie illiberat minn xi imputazzjonijiet minħabba apprezzament żbaljat tal-liġi u oltre minn hekk anke li kieku kien apprezzament korrett tal-liġi, minħabba żball grossolan amministrattiv tar-Reġistratur tal-Qrati fejn hu stess ikun qered parti minn prova li ġiet ppreżentata fl-intier tagħha quddiem il-Qorti;

Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel punt magħmul f'dan l-ewwel aggravju, fir-rigward ta' dan it-tieni punt, għandu jiġi emfasizzat illi huwa tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni fir-rigward tal-izvista amministrattiva fejn għandu jintefa ċertu dawl fuq il-fatt li minħabba żvista amministrattiva tal-Ewwel Onorabbli Qorti jew tar- Reġistratur ta' dik l-Onorabbli Qorti, m'għandhomx ibagħtu l-prosekuzzjoni jew id-difiża.

Illi di fatti, fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **<u>il-Pulizija vs Joseph Deguara</u>** fl-għoxrin (20) ta' April elfejn u erbgħa (2004), il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali fejn jgħid li l-Ewwel Onorabbli Qorti erroneament illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu minħabba nuqqas amministrattiv tar-Reġistratur. Di piu, fl-

istess sentenza surreferita, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi dan l-iżball amministrattiv;

> "*ma jiggustifkax lil dik il-Qorti li tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad u tghaddi ghas-sentenza*"

Illi ma jkunx ġust jekk minħabba interpretazzjoni żbaljata tal-ligi u tal-fatti kif ukoll minħabba żball tal-Qorti u nuqqas ta' protezzjoni mir-Registratur tal-Qorti riġida tal-inkartament u dak li jiġi ppreżentat il-Qorti, s-sentenza fir-rigward tal-ewwel u t- tieni imputazzjoni tiġi kkonfermata;

Illi l-evidenza kollha mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tipprova r-reati kkontemplati kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni imputazzjoni, u għalhekk wara l-qari tal-liġi, flimkien mal-eżaminazzjoni tal-provi, iridu jirriżultaw f'sejbien ta' ħtija u mhux f'liberatorja;

Illi għalkull buon fini, l-esponent qiegħed jisħaq li l-pulizija għandhom kopja kompluta ta' din ir-riċevuta, liema kopja tista' tiġi eżebita waqt is-smiegħ tal-appell minn rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan in vista ta' dak spjegat f'dan ir-rikors;

Għaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata skond il-ligi.

**II) It-Tieni Aggravju - Apprezzament żbaljat tal-provi fir-rigward tat- tielet imputazzjoni:**

> *3) U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' bila fl-arti jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunajt brug, jew għamilt xi bsara jew hassart jew gharraqt xi ħaġa, meta nvolontarjament ikkagunajt hsarat fuq 'roundabout', liema bsara*

*hija fit-turf, shrubs, electrical equipment u fil-kerb' għad-dannu ta' Environmental Landscapes consortium Ltd.*

Illi t-tielet imputazzjoni toħroġ mill-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tipprovdi s-segwenti:

*"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' bila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna brug, jew jaghmel xi ħsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel meta jinsab hati*

*[...]*

*(d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' prigunerija għal mhux izjed minn tliet xhur jew il- multa jew il-pieni tal-kontravven jonijiet"*

Illi minn analiżi tal-liġi, jidher car li sabiex persuna tinstab ħatja ta' dan ir-reat, huwa biżżejjed biex jiġi ppruvat li kien riżultat jew ta' traskuraġni jew possibbilment ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti fost oħrajn, kif fil-fatt ġara;

Illi wara li jiġi ppruvat dak spjegat fil-paragrafu preċedenti għal dan, huwa mbagħad biżżejjed li jiġi ppruvat li tkun ġiet kkaġunata xi tip ta' ħsara minħabba dak in-nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ħila jew possibbilment traskuraġni;

Illi permezz tax-xhieda ta' Norman Mifsud, li kien General Manager tal-ELC li kkwantifika d-danni li sofra r-roundabout flimkien max-xhieda tal-pulizija li spjegaw fejn seħħ l-inċident u d-data tiegħu u l-fatt li din l-informazzjoni kienu għaddewha lill-ELC, kienet biżżejjed biex tiġi ppruvatha lill-hinn minn kull dubju t-tielet imputazzjoni, u għalhekk id-deċiżjoni li laħqet il-Magistrat, bid-dovut rispett kollu, kienet wahda skorretta;

Illi fix-xhieda tiegħu Norman Mifsud spjega lill-Qorti li huma jirċievu rapport u wara li jirċivuh, fi żmien ftit ġranet, imorru jiċċekkjaw l-post tal-ħsara sabiex jikkwantifikaw, fil-fatt dan sar, u l-ammont tal-ħsara ġiet ikkwantifikata, hekk kif indikat a fol 38 tal-proċess;

Illi sabiex wieħed ikun fil-fatt jaf meta saret dik il-ħsara, ikollu bżonn jara meta sar l-inċident, li hija effettivament informazzjoni li ngħatat mill-pulizija li xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

Illi l-ingredjenti kollha tal-artikoli kollha tal-liġi migjuba kontra Karl Vella Petroni fit-tielet imputazzjoni qegħdin hemm u ġew ippruvati fl-atti ta' din il-kawża u għalhekk joħroġ car li dan l-inċident seħħ minħabba nuqqas tal-imputat, liema nuqqas wassal għal ħsarat.

Għaldaqstant, din it-tieni imputazzjoni ġiet ippruvata skond il-liġi.

Konsegwentement talab lil din l-Onorabbi Qorti toġġħobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirriformaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellat ħati tar-(4) imputazzjoni u fejn illiberatu mill-ħames (5) imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) imputazzjoni u minflokk issb lill-appellat ħati ta dawn l-imputazzjonijiet u tinfliġġi piena skond il-liġi.

**Rat l-atti tal-kawża;**

**Semgħet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali nhar it-13 ta' Frar 2023.**

<u>**Ikkunsidrat,**</u>

Illi l-ewwel aggravju imsemmi fir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali *si tratta* fuq il-fatt li allegatament l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi

u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta hija ma sabitx ħtija fir-rigward tal-akkużi kollha salv ir-raba' imputazzjoni.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u sa fejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[3].

Il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti teżamina il-proċess u tara x'inhuma l-provi li resqet il-prosekuzzjoni sabiex b'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar tittratta l-aggravji sollevati mir-rikorrenti fir-rikors tal-appell tiegħu.

Rat l-affidavit ta' **PC 788 K Xerri** esebita fl-atti a fol. 13 fejn jirrizulta li nhar is-6 ta' Marzu 2019 għall-ħabta ta' 22.39p.m fuq struzzjonijiet tas-surġent tal-Qawra mar ġewwa l-isptar Mater Dei fejn informa li Karl Vella Petroni illi kien hemm bżonn li jittieħed kampjun tan-nifs tiegħu u wara għarfu jekk hux dispost li jaffettwa dan it-test tan-nifs Vella Petroni aċċetta li jagħti kampnjun tan-nifs tiegħu fejn irriżulta li fit-22.39 huwa kellu 0.34 mg/ml. Liema riżultat ġie iffirmat minnu stess fuq il-post jiġifieri ġewwa l-isptar Mater Dei u ġie mgħodi lil WPS 264 sabiex jiġi annes mar-rapport.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Rat l-affidavit ta' **PC 1553** esebit fl-atti a fol. 15 tal-proċess minn fejn jirriżulta li nhar is-6 ta' Marzu, 2019 għall-ħabta tas-19. 00p.m irċevew telefonata mingħand il-control room li seħħet ħabta ħdejn ir-roundabaout ta' Selmun Mellieħa u hemm xi nies feruti. Huwa rrikorra fuq il-post fejn ra żewġ karozzi fuq ir-roundabaout ta' Selmun.

Hemmhekk huwa tkellem ma' ċertu Karl vella Petroni u dan stqarr li hu kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC 903 u kien ġej minn Triq Louis Wettinger, Mellieħa fejn il-vettura tal-għamla BMW numru ta' reġistrazzjoni BBZ 493 misjuqa minn Michelle Laferla kienet qed issuq ma ġenbu u ħabtu mera ma' mera. Kompla jistqarr li nħasad u b'hekk kiser lejn il-lemin direzzjoni lejn ic-central strip u qabad ic-central strip imbagħad kompla jistqarr li ma jafx x'ġara aktar.

Jghid li Karl stqarr ukoll li hu flimkien mal-passiġġiera tiegħu Sandra Paulus kif ukoll Michelle Laferla kienu qegħdin jixorbu. Vella Petroni ittieħed ġewwa l-isptar Mater Dei u ġie ċċertifikat li qed ibagħti minn ġrieħi ta' natura gravi. X'ħin raw il-vettura bin-numru BCC 903 tal-ħhamla BMW fuq l-NPS setgħa ġie innutat li l-vettura kellha l-liċenzja skaduta.

Minn hemmhekk ha l-verżjoni ta' Michelle Laferla ix-xuffiera tal-vettura tat-tip BMW numru ta' reġistrazzjoni BBZ 493 fejn din stqarret li kienet qed issuq ġejja min Tirq Louis Wettinger Mellieħa li kienet qiegħda ma ġenb kil-vettura tal-għamla BMW numru BCC 903 misjuqa minn Karl Vella Petroni fejn f'daqqa waħda ratu ġej fuqha mbagħad kompliet tistqarr li ma tafx kif spiċċat fuq r-roundabaout.

X'ħin kienet qed tagħti l-verżjoni tagħha setgħa jxomm riħa qawwija ta' alcohol ħierġa minn ġo ħalq Michelle Laferla b'hekk huwa eskortaha ġewwa l-għassa ta' Ħal Qormi fejn hemmhekk staqsiha jekk riditx tagħmel il-breathylizer test jew le. Hi aċċetat li tagħmel it-test fejn dan it-test irriżulta 055.6 mg/100ml. Michelle ġiet infurmata li kienu ser jinħarġu akkużi fil-konfront tagħha.

**Edgar Borg** li huwa spettur mal-kumpanija ELC ġab stima tal-ħsarat li jammontaw għal €846.86 (vide dok esebita a fol. 21). Waqt li kienu fuq il-post innota li kien hemm

arblu fic-central strip ta' Triq Louis Wettinger, Mellieħa li ġarrab ħsarat intensivi. Dan l-arblu ma kellux numru fuqu.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Luju 2022 dehret Michelle Laferla u ddikajrat li ma kinitx ser tixhed biex ma tinkriminax ruħha.

Rat li l-Qorti ċaħdet lil Sandra Paulus milli tixhed stante li din kienet qed titkellem mal-imputat.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 allegatament ġiet esebita ċertifikat mediku pero dan ma instabx fl-atti tal-proċess pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Cachia** esebit fl-atti a fol 30 mmarkat bħala Dok B u minn eżami ta l-istess jirriżulta li minn ndaġini li għamel fir-records tal-Awtorita irriżulta illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC 903 tal-marka BMW ta' kulur abjad reġistrata fuq Odelle Ellul Sullivan ilha hekk reġistrata sa mill-11 ta' Mejju 2016. Stqar ukoll li l-liċenzja tal-imsemmija vettura skadiet fit-28 ta' Frar, 2019.

Rat ix-xhieda ta' **Norman Mifsud** mogħtija nhar id-29 ta Marzu 2023 (fol. 34) u dan fil-kapaċita tiegħu ta' manager ma' ELC u dan esebixxa stima ta' ħsara li saret fir roundabout tal-Mellieħa. L-istima hija datata 13 ta Marzu 2019 dwar inċident li seħħ nhar is-6 ta' Marzu 2019. Il-valur tal-ħsara hu ta' €846.86 u l-istima ġiet mmarkata bħala dok NM.[4]

**<u>IIkkunsidrat ulterjoment</u>**

Illi l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali jittratta l-ewwel żewġ akkużi u cioe li fis-sitta (6) ta' Marzu, 2019, għall-ħabta ta' 19.00hrs fi Triq Loius Wettinger Mellieħa;

6. Saq jew ippruva isuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru BCC 903 fi triq jew f'post meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

[4] Fol. 38 tal-atti tal-process

7. W'aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru BCC903 f'post pubbliku wara li kkunsma tant alcohol li l-proporzjoni tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali stqarr wara li ċċita *in extenso* il-liġi dwar is-sewqan taħt l-influwenza ta' alcohol li bniedem ma jistax isuq karozza jew ikollu *control* fuqha jekk dik l-istess persuna ma tkunx fi stat tajjeb minħabba xorb jew droga. Tgħid ukoll li bniedem ma jistgħax isuq jew ikun fil-kontrol ta' vettura fit-triq jew f'post pubbliku jekk tkun ikkonsmat xorb li l-proporzjon tiegħu fin-nifs jew fl-awrina jew fid-demm tkun oltre l-limitu preskritt mill-liġi. Dwar dan il-qorti taqbel perfettament u m'għandhiex dubju li anke id-difiża taqbel ma dikjarazzonijiet bħal dawn pero l-ewwel irid jiġi pruvat li l-appellat kien verament qed isuq il-vettura. Il-prosekuzzjoni naqset li tressaq xhieda okulari tal-incident u dan ghaliex Michelle Laferla iddikjarat li ma tixtieqx tixhed biex ma tinkriminax ruħha waqt li l-uffiċjali tal-pulizija li ppreżentaw l-affidavits tagħħhom waslu fuq il-post wara li kienu ġew imsejħa minn xi nies fuq rapport ta' inċident stradali. Dak kollu li setgħa qal l-appellat lill-uffiċjali tal-pulizija kif rapportat minnhom għandu jiġi skartat u dan għaliex tali evidenza ittieħdet mingħajr il-kawtela legali. Dan qed jingħad għaliex meta il-pulizija ikollha suspett li persuna tkun ikkommettiet reat għandha timxi skond id-Direttiva tal-Ewropea EU 2013/48 u cioe tagħti id-dritt tal-avukat u tas-silenzju lil persuna li qed tiġi investigata *molto piu* meta qed tiġi meqjusa bħala suspettat. Illi f'dan il-każ dan ma sarx u għalhekk dan kollu li setgha qal l-appellat qed jiġi skartat.

Illi sabiex tiġi pruvata l-ewwel akkuża ma hux biżżejjed li jiġi deskritt l-komportament tas-sewwieq u cioe tal-appellat li setgħa kellu riħa ta' xorb, jew li setgħa ma kienx qed jimxi dritt, li setgħa kellu wiċċu ruxxan għaliex dawn il-fatturi iridu jikkonkorru wara li l-prosekuzzjoni tkun ippreżentat prova li kien l-appellat li kien qed isuq il-vettura dak in-nhar tas-6 ta' Marzu 2019 fi Triq Louis Wettinger, Mellieħa.

Din il-Qorti ma tħoss li dawn l-akkużi ma ġewx provati għar-raġuni sollevata mill-ewwel Qorti u cioe li kien hemm żvista amministrattiva u għalhekk ma tħoss li

għandha titratta dan l-aggravju iżda hija tal-fehma li ma ġewx provati minħabba nuqqas ta' provi.

Dwar it-tielet akkuża jingħad ukoll li l-prosekuzzjoni ma resqitx provi dwar is-sewqan tal-appellat u għalhekk kif tista din il-Qorti tasal għall-konklużżjoni li l-appellat kien traskurat jew li saq bla ħsieb jew b'nuqqas ta' tħaris lejn ir-regolamenti tat-traffiku. Illi żgur ma jistax jingħad għax kien hemm il-vettura maħbuta u l-appellat kien ħdejha li kien hu li kien qed isuq. Il-liġi tal-evidenza trid tiġi segwita dejjem u wieħed ma jistax jsitrieħ fuq xhieda li ġiet akkwistata skorettement. Hawn Malta ma insegwux it-teorija tal-*fruit of the forbidden tree.* Illi għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Illi rigward ir-raba akkuża fejn l-appellat talab lil din il-Qorti tikkonferma sejbien tal-ħtija jirriżulta ukoll li f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ma resqitx provi dwar is-sewqan tal-akkużat u għalhekk din ir-raba' akkuża qatt ma setgħet tirriżulta kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti. Għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Ir-rigward tal-ħames akkuża u cioe li l-ewwel Qorti ma sabitux ħati li huwa reċidiv jingħad li una volta li din il-Qorti ma hiex qed issib lill-appellat ħati ta' l-ebda akkuża ma tistax issibu ħati li huwa reċidiv minkejja li f'dan ir-rigward hemm ħafna x'jingħad f'dan il-każ.

Għalhekk din il-Qorti qeda tiċħad l-appell interpost mill-appellant Avukat Generali billi qed tikkonferma l-ewwel sentenza fir-rigward tal-ġudizzju meħud minnha fir-rigward l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames akkuża fejn iddikajat lill-appellat mhux hati u illiberatu minnhom u qeda tirrevoka is-sentenza tal-ewwel Qorti f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tar-raba' akkuża u qeda tilliberah minn tali akkuża.

Dr Consuelo Scerrri Herrera

Onor Imhallef